# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 569/97

John Diacono

vs

Kap Kmandant Forzi Armati

Illum 10 ta’ Jannar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u precizament fl-1992 hu sofra ingustizzja billi gie mcahhad minn promozzjoni u maqbuz.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn:-

Illi huwa kien dahal fl-armata fl-1964 u sar bumbardier fl-1982 u surgent fl-1988. Qatt ma kellu rapporti hziena jew avversi. Fl-1992 hargu l-promozzjonijiet ghal staff sergeant u inqabez minn persuni ohra ingustament ghaliex kellhom servizz, kwalifiki u esperjenza inqas minnu. Hu gie promoss eventwalment fl-1996.

Illi hu kien fi hsiebu jsostni l-ilment tieghu permezz tax-xhieda indikati fl-elenku anness li jindika ukoll il-fatti li ir-rikorrent fi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jordna li jigi promoss ghal staff sergeant mill-1992 jew kif jidhirlu jew jekk dan mhux possibli jinghata rimedju billi jigi akkordat is-somma ta' hamest elef lira.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors fl-istat li gie notifikat lir-rikorrent huwa inammessibli peress li mhux akkumpanjat minn lista ta' xhieda fit-termini ta' l-Artikolu 7(2)(a) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi jidher li fil-promozzjonijiet li saru b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 ir-rikorrent kien ilmenta mal-Ufficjal kmandant tieghu ta' dak iz-zmien, izda hu kien ikkuntenta bir-rimedju li kien tah l-istess ufficjal kmandant.

Illi fil-promozzjonijiet li r-rikorrent qed jirreferi ghalihom cioe' dawk tal-1992, ir-rikorrent kien inqas ikkwalifikat minn dawk junior tieghu u li gew promossi.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe', l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandi jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li lehaq surgent fil-11 ta' Mejju 1988. Fl-1992 kienu hargu applikazzjonijiet ghall-***Staff Sergeant*** u r-rikorrent ma hax din il-promozzjoni, u gie maqbuz. Zied: "Ghall fini tal-kjarezza qad nesebixxi dokument li juri nuru ta' applikanti essattament hmistax li kienu inqas senior jew inqas kwalifikati minni (jew it-tnejn) u li gew promossi ghall-***Staff Sergeant*** b'effett mill-20 ta' Jannar 1992. L-ahhar wiehed fil-lista hu jien…Il-lista turi per ezempju li minnhom kollha kien biss V. Pace li gie enlisted qabli; pero' kellu livell ta' edukazzjoni (3) inqas minni li kelli 2. Bhala ***trade*** hadd ma kien ahjar minni…"

In kontro-ezami semma li d-dokument a fol 9 ghamlu hu stess billi staqsa u tkixxef minn hawn u minn hemm.

Xehed Lt. Col. Schembri li esebixxa lista` ta` promozzjonijiet mir-rank ta` surgent ghal staff sargeant li kienu b` effett mill-20 ta` Jannar 1992 fit-tieni regiment, l-istess regiment li kien fih ir-rikorrent. It-tnejn li kienu warajh jigifieri s-Surgent Fenech u s-Surgent Sant kienu juniors tar-rikorrent imma gew promossi f`dan l-exercise ghax kellhom Class 1 Education, Sant kellu wkoll zewg trades Class A3. Fir-rigward tas-Surgent Fenech kellu Trade Class B1 u trade ohra Class B3.

Spjega li a fol 9 hemm 14-il persuna mnizzla qabel ir-rikrorent waqt li fid-dokument li esebeixxa hemm 2 biss li qabzuh billi rrileva li dawn kienu minn regimenti ohrajn. Zied li "Dwar il-promozzjonijiet kif jinghataw fir-regimenti ghandi nghid li f` kull promotion exercise il-kmandant tal-armata jqassam numru ta` vakanzi lil kull regiment. Il-Commanding Officers ta` kull regiment jaraw min huwa eligibbli skond il-kriterji li hemm bil-ligi stess ghal dawk il-vakanzi mir-regiment taghom biss. Qatt ma jkollok nies minn regiment 1 per ezempju f` kompetizzjoni ma` regiment 2 jew 3. Anqas ma jkollok nies f` kompetizzjoni ma` xulxin minn rank ghall-iehor per ezempju gunner ikun f` kompetizzjoni ma` surgent. Kulhadd jigi meqjus fir-rank tieghu u fir-regiment tieghu biss… Fl-1992 nikkonferma li bhall-kazijiet l-ohra l-promozzjonijiet nghataw regiment regiment, kif ghadu jsir illum stess…"

Ikkunsidra

Illi

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Izda fil-kaz in esami jirrizulta li r-rikorrent gie maqbuz minn tnejn minn nies li kellhom Class 1 Army Certificate of Education waqt li r-rikorrent kellu Class 2 u ghalhekk jidher li ma tirrizultax ebda ingustizzja. Jibqa' pero' li Sgt Victor Pace li kien senior tar-rikorrent lehaq ghal Staff Sergeant ghalkemm kellu Class 3 Education. Kieku dan ma sarx kienu jaqbzuh mill-anqas sebgha. Dan it-Tribunal haseb fit-tul dwar dan l-aspett izda meta qis li r-rikorrent ha l-promozzjoni fl-1982, 1988, u fl-1996 ma jidhirx li kien qieghed b'xi mod jigi vittimizzat. Lit-Tribunal ma tirrizultalux ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.